**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 26 ta' Mejju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 206 / 11RGM

Kawza fil-lista: 10

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fl-24 ta' Gunju 2011 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

**Dikjarazzjoni**

L-attrici tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li tafhom personalment:

1. Illi l-konjugi B izzewgu fit-19 ta Jannar 1998 fir-registru taz-zwigijiet il-Belt Valletta u ma twieldux tfal minn dan iz-zwieg.

2. Illi iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u inoltre il-hajja konjugali saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici u ghalhekk il-hajja kunjugali bejn il-konjugi m'ghadhiex iktar possibbli

3. Illi l-inkwiet matrimonjali beda meta l-attrici kellha titlaq mid-dar konjugali u kien hemm problemi ohrajn li l-esponenti tista' telabora fuqhom waqt l-andament tal-kawza.

4. Illi presentement l-konvenut qed jghix fid-dar konjugali u hemm dejn rigwardanti din id-dar li l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas sehmu. Kemm l-attrici kif ukoll l-konvenut jinsabu bla impjieg.

5. Illi nonostante sforzi kbar da parti tal-attrici sabiex jintlahaq separazzjoni konsenswali, dan kien kollu inutili u b’hekk b'digriet l-attrici giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza.

**Raguni tat-Talba**

1. Illi l-konjugi B izzewgu fit-19 ta Jannar 1998 fir-registru taz-zwigijiet il-Belt Valletta u ma twieldux tfal minn dan iz-zwieg.

2. Illi iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u inoltre il-hajja konjugali saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici u ghalhekk il-hajja kunjugali bejn il-konjugi m'ghadhiex iktar possibbli.

3. Illi l-inkwiet matrimonjali beda meta l-attrici kellha titlaq mid-dar konjugali u kien hemm problemi ohrajn li l-esponenti tista telabora fuqhom waqt l-andament tal-kawza.

4. Illi presentement l-konvenut qed jghix fid-dar konjugali u hemm dejn rigwardanti din id-dar li l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas sehmu. Kemm l-attrici kif ukoll l-konvenut jinsabu bla impieg,

5. Illi nonostante sforzi kbar da parti tal-attrici sabiex jintlahaq separazzjoni konsenswali, dan kien kollu inutili u b’hekk b'digriet l-attrici giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

a. Illi preliminarjament hemm in-nullita tar-rikors promotorju stante li ma jirrizulta ebda talba kif titlob il-ligi li l-attur (recte: l-attrici) rikorrenti ghandha taghmel meta tipprezenta rikors promotorju.

b. Illi fir-rigward il-meritu hu minnu li l-esponent izzewweg lill-attrici rikorrent fis-19 ta' Jannar, 1998 fejn minn dan iz-zwieg il-partijiet m'ghandhomx tfal.

c. Illi mhu minnu xejn dak allegat mir-rikorrenti li l-esponent hu hati tat-tortijiet indikati fir-rikors promotorju. Illi pjuttost hu kontra tant li dawn sejjer jigu

ppruvati, specjalment il-fatt li l-istess rikorrenti ilha timxi sistematikament biex toskura l-esponent b'mod intenzjonat liema intenzjoni malinja hi, issa, kristalizzata f'dawn il-proceduri li ser tigi ppruvata fil-mori tal-kaz. Illi qieghed jidher b'mod car li dawn il-proceduri qeghdin iservu bhala paraventu ghat-tortijiet ta' l-istess rikorrenti li b'certa animus qieghda tipprova titfa l-htija taghha fuq l-esponent, li ser tigi ppruvata fil-mori tal-kaz.

d. Illi di piu', jekk iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedabilment dan hu tort ta' l-istess rikorrenta principalment, imma mhux esklussivament, minhabba l-attitudni partikolarment il-komportament taghha xejn pjacevoli fejn, fost affarijiet ohra thobb tipprovoka kontinwament. Illi di piu, l-istess rikorrenti jidhrilha, b'mod erronju, li hadd ma jista' ghaliha u tippretendi wkoll li l-affarijiet ghandhom jimxi biss kif jidhrilha hi w bl-approvazzjoni taghha. Illi fin-nuqqas, ir-rikorrenti taghmillek hajtek infern, liema kaz odjern qed iservi ta' mera ta' dan.

e. Illi apparti mis-suespost, l-attitudni skifuza u ntollerabbli tar-rikorrenti hi ferm riflessa mit-talbiet ta' l-istess rikorrenti fejn qieghda tipprova timmanuvra b'tali mod biex tipprova timponi kundizzjonijiet li huma '1 boghod ferm mill-applikazzjoni tal-principji civili liema haga tiggustifika l-posizzjoni ta' l-istess esponent.

f. Illi l-problema ta' l-attitudni w imgieba xejn pjacevoli ta' l-intimata rikorrenta tant saret impossibli li b'mod ingust, l-esponent qieghed isofri konsiderevolment tant li r-rikorrenti qieghda tipprova timmanipola s-sitwazzjoni ghas-skopijiet taghha u bhala konsegwenza qieghda tipprova tipprogetta l-pozizzjoni taghha ta' 'vittma' meta fir-realta s-sitwazzjoni hi kontra.

g. Illi di piu, l-istess rikorrenti wriet immaturita partikolari imma konsistenti billi tara kif taghmel biex tahrab mill-obbligi tal-hajja w titfahom fuq l-esponent qisu xejn m'hu xejn u meta hi taf li l-esponent hu minghajr impieg, liema haga qed tinjora ghas-skopijiet ta' dawn il-proceduri.

h. Illi filwaqt li l-esponent jichad kategorikament l-akkuzi fjakki fil-konfront tieghu is-sitwazzjoni hi ferm kontra fil-konfront tar-rikorrenti liema haga tispjega l-ghaliex hi tant herqana li tissepara mill-iktar fis possibbli liema haga se tigi ippruvata fil-mori tal-kaz.

i. Illi n-nuqqas ta' sincerita f'dawn il-proceduri da parti tal-intimata rikorrenti anki testendi ghall-fatt li qed tipprova tizvija l-Qorti kontinwament liema haga se tigi ippruvata fil-mori tal-kaz.

j. Illi f'dan ir-rigward, imma mhux esklussivament, t-talbiet li jiffavorixxu r-rikorrenta ghandhom jigu michudin u skartati stante li huma intizi biex

jippregudikaw il-pozizzjoni tal-esponent kif ukoll biex inessu t-tortijiet imputabbli lir-rikorrenti stess li, wara kollox, ghandha iggorr hi fis-shih it-tort tal-htija taghha.

k. Salv risposta eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:

Peress illi l-partijiet kienu zzewgu fit-19 ta' Jannar, 1998 minn dan iz-zwieg m' ghandhomx tfal.

Peress illi l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' tortijiet serji liema tortijiet jinkludu adulterju, minacci, mohqrija, ngurji gravi, eccessi, theddid u swat, tant li z-zwieg bejn il-partijiet sar impossibli.

Peress illi fost affarijiet ohra l-intimata rikorrenti hi hatja qed tara kif taghmel biex timmanipula s-sitwazzjoni b'mod ingust kontra l-istess esponent fejn minhabba din l-attitudni kapriccuza taghha rnexxielha tohloq stragi b'hajja ntollerrabbli.

Tghid ghalhekk, l-attrici rikonvenzjonata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

a. Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-intimata rikorrenti.

b. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

c. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti f’zewg partijiet mhux necesarjament ugwali b'tali mod li l-intimata titlef, ukoll bhala konsegwenza kull jedd li ghandha fuq in-nofs l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg imma partikolarment bil-hidma ta' l-esponent.

d. Tapplika fis-shih kontra r-rikorrenta l-effetti ta' l-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

e. Tordna li r-rikorrenti thallas l-ispejjez li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali - mill-inqas nofs - u spejjez ohra relatati mal-komunjoni ta' l-akkwisti specjalment minn meta bdew il-proceduri anke mill-bidu u cioe mill-medjazzjoni.

f. Illi stante li r-rikorrenti hi kapaci tahdem tordna li thallas manteniment ghall-esponent u tikkundanna wkoll lir-rikorrenti thallas dak il-manteniment li dina l-Onorabbli Qorti taghzel li takkorda f’dan ir-rigward.

g. Tikkundanna r-rikorrenti tikkonsenja lill-esponent il-beni kollha parafernali ta' l-esponent u separatament l-esponent jigi moghti 1-piena amministrazzjoni tal-beni tieghu. Illi fin-nuqqas tikkundannha thallas somma li tigi likwidata rapprezentanti l-istess proprjeta' parafernali.

h. Tiddikjara li l-proprjeta' kollha, partikolarment, imma mhux esklussivament id-dar matrimonjali tigi assenjata u b'hekk okkupata mill-esponent ad eskluzzjoni tar-rikorrenti iktar u iktar minhabba t-tortijiet imputabbli lir-rikorrenti.

i. Tawtorizza lill-esponent jirregistra l-eventwali sentenza definitliva fir-registru pubbliku.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata rikorrenta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-attrici ghall-kontro-talba li taqra kif gej:

1. Illi taqbel limitatament ma’ l-ewwel talba fejn tintalab il-firda personali bejn il-partijiet izda ma taqbilx li dan ghandu ikun imputabbli ghaliha.

2. Illi taqbel li ghandha tigi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet

3. Illi ma taqbilx li ghandhom jigu applikati fil-konfront taghha 1-effetti tal-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi ma taqbilx li hi ghandha tigi ordnata thallas l-ispejjes li saru fid-dar matrimonjali u spejjes ohara relatata mal-komunjoni tal-akkwisti.

5. Illi l-intimat rikorrenti hu ben kapaci jahdem u b’hekk l-esponenti ma taqbilx li ghandha thallaslu xi manteniment ukoll peress li hi ma tahdimx.

6. Illi l-esponenti ma ghanda l-ebda beni parafernali tal-intimat rikorrent u b’hekk ma ghandhiex la tigi ikkundannata tirritornahom jew taghti xi kumpens ghall-istess.

7. Illi l-esponenti ma toggezzjonax li l-intimat jigi assenjat lilu d-dritt li jabita fid-dar mattrimonjali izda d-dejn kollu relatat ma’ l-istess ghandu jigi assenjat lill-istess intimata.

8. Bir-riserva ta' eccezzjoniiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat rikorrenti.

Rat l-affidavit tal-attrici u ta' missierha annessi ma' nota ppresentata fit-8 ta' Awwissu 2011;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2012, fejn il-partijiet ftehmu li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-fond 20 St Francis Street, Qormi, jithallsu kwantu ghall-Euro 633 mill-attrici u l-bilanc jithallas mill-konvenut, li l-ammont mhallas mill-attrici ghall-periodu 7 ta' Jannar 2011 sa 4 ta' Marzu 2011 jigi mnaqqas, u li l-inkwilinat tal-fond jinqaleb fuq isem l-konvenut li jkun responsabbli ghall-hlasijiet tal-kontijiet relattivi;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma' nota pprezentata fis-27 ta' Marzu 2012;

Rat il-kontroezami tal-attrici li sar fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-konvenut, ipprezentat fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici pprezentata fit-12 ta' jannar 2016;

Rat in-nota responsiva tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta' Marzu 2016;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016 fejn l-partijiet qablu li ilhom separati ghal aktar minn erba' snin, u li ghalhekk it-talba ghal separazzjoni personali ghandha tigi konvertita f'talba ghall-divorzju. Il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat dwar l-eccezzjoni preliminari.

**NULLITA' TAR-RIKORS GURAMENTAT**.

Il-konvenut, preliminarjament, eccepixxa n-nullita' tar-rikors promotorju stante li ma saret l-ebda talba kif titlob il-ligi. Ma jirrizultax li din l-eccezzjoni preliminari giet irtirata fil-kors tas-smiegh tal-kawza.

**Artikolu 156 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi r-rikors guramentat ghandu jitlesta mill-attur u ghandu jkun fih;

(a) dikjarazzjoni cara tal-oggett tal-kawza, f'paragrafi numerati separatament;
(b) ir-raguni tat-talba;
(c) it-talba jew ti-talbiet li ghandhom jkunu enumerati;

(d) f'kull rikors ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni li min jirceviha ghandu jippresenta risposta fi zmien 20 gurnata minn notifika.

Fil-kaz in ezami, ir-rikors promotorju jikkontjeni 'Dikjarazzjoni' konsistenti f'hames paragrafi. Jikkontjeni ukoll 'Raguni tat-Talba' konsistenti fl-istess paragrafi u kif enumerati fil-parti 'Dikjarazzjoni'. Ir-Rikors jinkludi 'Lista tax-xhieda' u elenku ta' dokumenti esebiti.

It-talbiet li ad validitatem ghandhom jitresqu permezz ta' rikors guramentat ma jinstabux fir-rikors guramentat in dizamina. It-talbiet f'kawza ta' separazzjoni personali huma rekwisit essenzjali, esspressament hekk indikati mill-ligi.

**Artikolu 789 tal-Kap 12** jirreferi ghall-eccezzjoni ta' nullita' ta' atti gudizzjarji.

L-eccezzjoni tista' tinghata jekk:
(a) in-nullita' hija dikjarata mil-ligi espressament;
(b) l-att jinhareg minn Qorti mhiex kompetenti;
(c)fl-att jkun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi;
(d) l-att jkun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mill-ligi;

In tema legali dwar nullita' ta' atti gudizzjarji il-gurisprudenza nostrana stabbilit is-segwenti:-

- Sabiex nuqqas iwassal għan-nullità ta' atti gudizzjarji hemm bżonn li n-nuqqas ikun tali li ma jistax jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. (Appell Ċivili Superjuri **Ellul E. vs Agnese Gera de Petri**, 21 ta' April, 1995).

- Biex tiġi dikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut. (Appell Ċivili Superjuri - **Francis Xavier sive Mosè Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina**, 21 ta' Marzu 1988).

- Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu jsalvaw l-atti u mhux jannullawhom. "Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke a bażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-Art. 175 tal-Kap.12 hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh ("**Fino vs Fabri noe**" – deċiża mill-Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997; **Malta Development Corporation vs Paul Licari** deċiża mill-Prim'Awla fit- 22 ta' April 2004)

-	Att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi. In-nullità tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara ghal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (Qorti tal-Appell - **S.M.T. Developers Limited u Bathroom Styles Limited vs. Soap and Sponge Limited** - 6 ta' Frar, 2015).

Il-Qorti, konxja mill-gurisprudenza prevalenti illi safejn possibbli l-atti gudizzarjarji jigu sanati invece li jigu dikjarati nulli, anke a skans ta' multiplikazzjoni ta' kawzi, ezaminat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici, il-fatt li fir-rikors guramentat ma tinstabx talba attrici wahda tirrendi r-rikors guramentat assolutament irritwali u null minghajr l-ebda possibilita' li jigi sanat. Il-Qorti qed takkolji l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut u tiddikjara r-rikors guramentat prezentat mill-attrici bhala irritu u null.

Stabbilit li r-rikors guramentat huwa irritu u null jehtieg jigi konsidrat jekk il-kontro-talba mressqa mill-konvenut ghandiex hajja awtonoma indipendentement mir-ritwalita' o meno tal-azzjoni attrici.

**KONTRO-TALBA JEKK KONNESSA MAT-TALBA ATTRICI GHANDHA L-KARATTRU TA' KAWZA DISTINTA.**

L-artikolu tal-ligi rilevanti huwa **Artikolu 401 tal-Kapitolu 12** li jipprovdi illi:

"Jekk, f'kawża li fiha l-konvenut jipproponi l-kontro-talba, l-attur jirrinunzja b'xi mod li jkun għall-atti, il-konvenut jista' dejjem jitlob li tiġi deċiża l-kontro-talba miġjuba 'l quddiem skont il-liġi."

Dan l-artikolu jistabbilixxi l-awtonomija tal-azzjoni rikonvenzjonali f'kaz li l-azzjoni attrici tigi irtirata. Kif gie dikjarat fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet "**Air Malta p.l.c. v South Rays Holidays Limited**";-

"Illi dwar it-tifsir tal-konnessjoni mehtiega mal-azzjoni attrici biex tista' tregi l-kontro-talba, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahedhom f'ezistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija. Ghalhekk, b' "konnessjoni" wiehed certament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha. Izda l-elementi li trid il-ligi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss."

Issir ukoll referenza ghas-sentenza moghtija fid-29 ta' Settembru 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "**Av. Dr. Francis Lanfranco vs Francesco Saverio Cutajar**":

"Illi dan qed jinghad ghaliex ghalkemm bhala procedura huwa permess f'kawza li tigi pprezentata kontro-talba skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 397 tal-Kap. 12 b'dan li l-effett tal-kontro-talba, rigward procedura, huwa dak li t-talba originali u l-kontro-talba jigu trattati fi process wiehed u z-zewg talbiet jigu decizi f'kawza wahda, izda xorta wahda l-istess kontro-talba hija kkunsidrata bhala kawza separata u distinta minn dik proposta mill-attur kif jirrizulta minn dak indikat fl-artikolu 401 tal-Kap. 12, u kif ritenut fis-sentenza "**Sammy Meilaq nomine vs Oral Attinel et**" (A.C – 5 ta' Ottubru 2001) b'dan li "l-att tac-citazzjoni u l-kontro-talba jippromwovu zewg azzjonijiet distinti li kellhom ezistenza indipendenti u awtonoma, tant li huwa pacifiku li l-kontro-talba setghet tigi konsidrata u deciza, nonostante illi t-talba attrici tkun giet ceduta.....". F'dan is-sens ukoll insibu s-sentenza tal-On.Qorti tal-Appell fil-kaz fuq citat fl-ismijiet **Paul Gambin v Frank Gambin pro et noe** -deciza.fis-27 ta' Marzu 1996."

Ikkunsidrat;

Il-kontro-talba fil-kawza odjerna hija kawza konnessa mal-azzjoni attrici u distinta fl-istess hin. Filwaqt li hija valida ghaliex konnessa mal-azzjoni attrici, rekwizit mehtieg *ad validitatem,* hija fl-istess hin indipendenti mill-azzjoni attrici u ghalhekk il-validita' taghha ma tiddependiex mill-validita' o meno tar-rikors guramentat. It-talbiet rikonvenzjonali mressqa fil-kawza odjerna huma simili ghat-talbiet li soltament jitresqu f'rikors guramentat ghal separazzjoni personali. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi issa sabiex tikkonsidra l-kontro-talba mressqa mill-konvenut u r-risposta guramentata tal-attrici rikonvenzjonata.

**HTIJA GHAT-TKISSIR TAZ-ZWIEG**.

Kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg markat Dok A anness mar-rikors guramentat, il-partijiet zzewwgu fid-19 ta' Jannar 1998, fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt, Valletta. Ma kellhomx tfal.

L-attrici, fl-affidavit taghha, Dok CB Fol 37 tiddikjara li meta zzewgu hi u zewgha kienu jahdmu ma' Valmhor Borg, fl-impjant fejn kienu jinqatlu t-tigieg. Hi tghid li ghamlu zmien qasir jahdmu hemm, u wara li wafqu zewgha baqa' ma sabx xoghol permanenti, kien okkazjonalment isib xi xoghol ghal ftit granet biss. Missierha kien sablu xoghol f'diversi okkazjonijiet, izda kollu kien ghal xejn. Fis-sena 2007 applikaw ghall-ghajnuna mill-Gvern biex jirrangaw il-post residenza taghhom f'Hal Qormi. L-applikazzjoni giet milqugha, u sakemm kienu qed jsiru x-xoghlijiet marru jghixu ghand ommha fir-Rahal il-Gdid. F'dak iz-zmien ommha

giet rikoverata fl-isptar, u zewgha gab zewgt iklieb fid-dar, li bdew ihamgu kulimkien. Meta ommha rritornat id-dar mill-isptar u rat x'kien qed jigri, qaltilhom li jew jnehhu il-klieb jew jitilqu l-barra. L-attrici tghid li l-konvenut qabad il-kelb u telaq lejn id-dar ta' Hal Qormi.

Hi tghid li kienet tnaddaf id-dar izda wara ftit kienet tara kulimkien mahmug. Il-konvenut ma kienx jaghtiha flus u ma kienx jrid ihallas il-kera tad-dar. Il-kera hu LM60 kull sitt xhur izda l-konvenut ilu ma jhallas il-kera mit-2004. Il-kont tad-dawl u l-ilma ma kienx qed jithallas u dan tela' ghal Euro3,000. Il-genituri taghha irrangaw biex dan jithallas b'pagamenti mensili. L-attrici tghid li bit-traskuragni li kellhom fid-dar ma setghet iddahhal lil hadd, u qalet lill-zewgha li qabel ma jirranga il-post hi ma kinitx ser tmur id-dar. Il-konvenut lanqas ha hsieb jisboh fejn kien baqa' u hi telqet mid-dar matrimonjali.

**C B**, missier l-attrici, fl-affidavit tieghu Dok JB Fol 38, ikkonferma li hu kien dejjem jghid lill-partijiet biex jirrangaw it-traskuagni li kellhom f'darhom. Darba mar ghandhom u sab li l-bieb ta' barra mifquh u kienu jalquh billi jpoggu sodda wara l-bieb. Hu qabbad mastrudaxxa, a spejjez tieghu, li rrangah. Darba, it-tifla infurmatu li kellhom sekwestru billi ma kienux hallsu il-kont tad-dawl u l-ilma, kien mar mat-tifla biex jirranga, skopra li l-kont kien ghal aktar minn Euro 3,000 u wasal ghall-ftiehem biex il-kont jithallas bil-mod. Hu u martu qed jhallsu sehem binthom, billi ma ghandhiex flus, u jipprova jigbor sehem il-konvenut minn ghandu. Jghid li kien xtralhom kamra tas-sodda li "ghamluha tabakk". Lill-konvenut sablu diversi impiegi, izda jew ma jmurx ghall-interview, jew jmur izda ma joqghodx ghax-xoghol. Jghid li pprova jkellem lill-konvenut diversi drabi biex jirranga is-sitwazzjoni izda kien dejjem ghal xejn.

Il-konvenut **C B**, fl-affidavit tieghu, Fol 59 jghid li kien ilu hmistax-il sena mizzewweg mal-attrici. Kienu jahdmu flimkien fil-fabbrika, u kellhom sieghat twal billi jibdew kmieni u jispiccaw tard, u ghalhekk ix-xoghol tad-dar kienu jaqsmuh. Hu kien jsajjar u jahsel il-hwejjeg ghax martu ma kinitx taf. Jghid li l-mara bdiet titghazzen, ma tqumx mis-sodda u ma taghmel xejn fid-dar. Hi telqghet mix-xoghol u hu sab xoghol bil-lejl bhala security. Hu jghid li waqt li hu kien jkun ix-xoghol l-mara kienet taghmel lejl shih tilghab bil-playstation u filghodu kienet torqod u ma taghmel xejn fid-dar. La kienet issajjar l-anqas tnaddaf. Kien jaghmel kollox hu meta jigi lura mix-xoghol. Bdiet anke titrasskura l-indafa personali taghha, ma tinhasilx u ma tbiddilx il-hwejjeg. Kienet tibqa' bil-hwejjeg ta' taht mahmugin u kienet anke tilbes tieghu biex ma tahsilx taghha.

Jirrakkonta kaz meta hi raqdet isfel, hu raqad fuq u meta nizel isfel skopra li martu uzat borma ghall-urina u meta pprotesta qaltlu "u dik ma tinhasilx". Kienet tonqos li tohrog il-boroz taz-zibel fil-hin, u hu kien jkollu jerga' iddahhalhom fid-dar u

tant akkumulaw li kellu jgib skip u rema' kollox. Il-girien kienu rraportawhom lis-Sanita'.

Il-konvenut ikkonferma li kienu joqghodu f'post tal-Housing, li kien fi stat hazin, u sakemm saru x-xoghlijiet ta' tiswija marru jghixu ghand ommha. Meta tlestew ix-xoghlijiet hu rritorna fid-dar mentri hi baqghet ghand ommha. Kien jaqla' Euro70 fil-gimgha li minnhom kien jaghtija Euro40 u jzomm Euro30 biex jghix. Il-mara kienet tmur id-dar darba fil-gimgha u induna li kienet qed tibghat flus lill-ohtha fil-Germanja. Qalilha li din riedet tieqaf, pero' rega qabadha tibghatilha l-flus u meta ra hekk beda jaghtija Euro10 fil-gimgha minflok.

Dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, jghid li kien jaghti l-flus lill-mara biex thallsu billi il-kont kien fuq isimha, pero' irrizultalu li din ma kinitx qed thallas il-kontijiet, kellhom kont b'lura fl-ammont ta' Euro2,700, spiccaw bid-dawl maqtuh u waslu fi ftiehem ma' l-Enemalta biex il-kont jhallsuh bin-nifs.

Il-konvenut spicca bla xoghol f'Settembru 2011 u beda jirregistra. Talbuh ir-ricevuti tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma u tal-kera. Peress li l-kera kienet fuqha hu kien jaghtiha l-flus biex thallas il-kera, gieli taha xi flus missieru biex jithallas. Talab kopja ta' l-ahhar ricevuta lill-missier il-mara u skopra li l-ahhar li thallset il-kera kien fis-sena 2004. Il-konvenut jghid li hemmhekk irrealizza li ma setghux jibqghu flimkien, hu kien jistinka u jahdem imma hi dejjem tefghetu lura. Kien anke mar ghand l-Appogg u kellem haddiema socjali izda jghid li martu ghall-ewwel bdiet tmur, imbaghad ma baqghetx tmur mieghu.

Fis-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dottor Juliana Scerri Ferrante fil-15 ta' Gunju 2015, il-konvenut in kontro-ezami ikkonferma li waqt il-kawza kellu xi xoghlijiet, kien part time ma' tal-gbir tal-iskart u kien jahdem bhala casual worker f'hanut tal-haxix, pero' f'dak iz-zmien li xehed ma kienx jahdem. Hu kkonferma li jghix wahdu u l-konvenuta ma tghix mieghu.

SOTTOMISSJONIJIET TAL-PARTIJIET

Il-partijiet skambjaw noti ta' sottomissjonijiet, dik tal-attrici giet prezentata fit-12 ta' Jannar 2016, Fol 155, dik tal-konvenut giet ipprezentata fit-3 ta' Marzu 2016, Fol 165 et seq.

L-attrici fl-imsemija nota taghmel riferenza ghall-kont tal-kumpanija Go plc, li jirrigwarda il-komunjoni tal-akkwisti u li thallas minn missierha. Issottomettiet li zewgha kien responsabbli ghas-separazzjoni personali ta' bejniethom billi qatt ma kien lest jassumi l-obbligi tieghu fil-familja u cioe' li jipprovdi ghall-bzonnijiet finanzjarji. Hi taghmel referenza ghall-affidavit taghha fejn ddikjarat li l-konvenut

qatt ma zamm l-impjieg tieghu, nonostante li missierha kien rnexxhielu isiblu diversi opportunitajiet, ma kienx jaghtiha flus u ma kienx jhallas il-kera.

Taghmel riferenza ukoll ghall-affidavit ta' missierha li xhed illi ghalkemm sab lill-konvenut diversi impiegi dan baqa' ma jahdimx ghal menu b'mod permanenti. Hi tattribwixxi it-tort lill-konvenut, ghall-kontijiet tas-servizzi li baqghu ma thallsux, u tghid li kien jabbuza mill-fatt li kemm il-kera kif ukoll is-sevizzi kienu registrati fuqha u mhux f'ismu. Hu baqa' ma jhallax il-kontijiet anke meta fid-dar baqa' jghix hu wahdu.

L-attrici tinsisti li zewgha ghandu jigi kkundannat ihallasha manteniment billi mhux minnu li kien bla impjieg, u dwar dan taghmel referenza ghax-xhieda ta' missierha quddiem l-Assistent Gudizzjarju fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2015 u ghar-ritratti li gibed hu stess b'konferma li l-konvenut kien qed jahdem ma' ta' l-iskamel, fiz-zmien meta kien qal li ma kienx jahdem.

L-attrici tissottometti li l-konvenut ammetta ukoll li kien jahdem casual worker f'hanut tal-haxix, li skont missierha kien hanut tar-ragel ta' ohtu f'Haz-Zabbar. Hi ghalhekk qed titlob li zewgha ghandu jigi kkundannat ihallasha Euro 250 kull erba' gimghat bhala manteniment.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, l-attrici taghmel referenza ghall-verbal registrat fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2012 fejn il-partijiet ddikjaraw li ma hemmx assi fil-komunjoni tal-akkwisti. Id-dar matrimonjali, li kienu jghixu fiha, fl-indirizz 20, Triq San Frangisk, Qormi kienet mikrija f'isem l-attrici. Mhux kontestat li l-attrici ma ghadhiex tirrisjedi mal-konvenut fl-imsemmija dar u fis-sena 2011, marret tghix ghand ommha fl-indirizz 47, St Anthony, Triq Windsor, Paola.

Fis-seduta fuq imsemija tas-27 ta' Marzu 2012, il-partijiet kienu qablu li l-inkwilinat tal-imsemmi fond jigi assenjat u jinqaleb fuq isem il-konvenut, li wahdu ikun responsabbli ghall-hlasijiet tal-kontijiet relattivi, cioe' l-kera u l-kontijiet tas-servizzi.

L-attrici ddikjarat li kien hemm zewg pendenzi li kienu dovuti mill-komunjoni, l-kont tal-ARMS ghas-servizz tad-dawl u l-ilma u kont tal-GO plc.

Dwar il-pendenza mal-ARMS l-attrici taghmel referenza ghall-imsemmi verbal tas-17 ta' marzu 2012 fejn il-partijiet qablu li l-attrici thallas l-ammont ta' Euro633 u l-kumplament jithallas mill-konvenut li baqa' wahdu fil-fond u ghalhekk hu biss kien qed juza u jibbenefika minn dawn is-servizzi.

Dwar il-pendenza mall-GO plc l-attrici tirreferi ghar-rikors taghha pprezentat fl-14 ta' Dicembru 2015, ir-ricevuta Dok B u l-affidavit ta' missierha Dok B1

b'konferma li missierha hallas il-kont fl-ammont ta' Euro1,017.97 u billi dan kien dejn tal-komunjoni, ghandu jithallas ugwalment bejniethom u ghalhekk l-konvenut ghandu jirrifondi lil missierha, nofs l-ammont cioe' s-somma ta' Euro508.98.

Il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu ddikjara li ilhom jghixu separatament mis-sena 2011, li l-attrici kellha nuqqas ta' kapacita' ta' management tal-affarjiet tad-dar, li lanqas biss kienet tikkura l-igene personali taghha, u dan effettwa serjament ir-relazzjoni taghhom billi l-konvenut kien disgustat b'dan l-atteggjament li rrenda l-hajja konjugali impossibbli.

Il-konvenut jilmenta mill-ghazz u n-non kuranza tal-attrici. Hu kien jahdem bil-lejl bhala security, hi kienet taghmel lejl shih tilghab bil-PlayStation u torqod ma tul il-gurnata, tant li wara ix-xoghol it-tisjir u t-tindif tad-dar kellu jaghmlu hu, ghax hi ma kienet taghmel xejn. Isemmi bhala ezempju l-fatt li lanqas il-boroz taz-zibel ma kienet tohrog fil-hin, u hu kien jkollu jdahhalhom lura id-dar, sakemm tant ikkumulaw li saru rapporti mill-girien lis-Sanita' minnhabba il-grieden. L-konvenut jilmenta mill-indifferenza, l-apatija u l-inertja tal-attrici, li ma kienet taghmel assolutament xejn fid-dar. Hu jghid li hi kellha impieg izda ghazlet li titlaq mix-xoghol toqghod id-dar ma taghmel xejn u tippretendi li hu jahdem u jmantniha. Hu ghalhekk issottometta li ghalkemm hemm lok ghall-separazzjoni, hu m'ghandux l-obbligu li jhallasha manteniment, billi ghadha zghira fl-eta', hi kapaci li tahdem u kapriccjozament ghazlet, ghall-ghazz, li ma tibqax tahdem.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

Fl-Ewwel ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Propju fl-ewwel Artikolu ta' dan il-Kodici, intitolat **"Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin"** jinghad hekk:

***Artikolu 2*** *(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabilita' tal-familja.*

*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jiefqu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

*(3) Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-*

*dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htiegijiet tal-familja.*

Skont l-attrici n-nuqasijiet tal-konvenut zewgha kienu, li kien jirrifjuta okkazjonijiet ta' xoghol li jkun sablu missierha, li ma kienx jaghtiha flus u ma kienx jhallas il-kontijiet. Meta kienu temporanjament ghand ommha meta kienu qed jirrangawlhom id-dar gab zewgt iklieb li kienu jhamgu kullimkien. Missierha ikkonferma it-traskuragni taghhom, sewwilhom l-bieb ta' barra a spejjez tieghu, jghinhom fil-hlas tal-kontijiet,ipprova isib impieg ghall-konvenut u ddikjara "xtarjtilhom kamra tas-sodda u ghamluha tabakk".

Skont il-konvenut, fil-bidu t-tnejn kellhom impieg fl-istess fabrika, izda it-tisjir u il-hasil tal-hwejjeg kien jaghamilhom hu, ghax hi ma kinitx taf. Meta beda jahdem bil-lejl bhala security, hi kienet taghmel lejl shih tilghab bil-PlayStation, u matul il-gurnata torqod u fid-dar ma kienet taghmel xejn, mentri hu kien jahdem bil-lejl u wara x-xoghol matul il-gurnata kien jaghmel ix-xoghol tad-dar. Jghid li l-attrici tant kienet ghazziena li anke l-igene personali taghha ttraskurat. Jirrakkonta incidenti disgustanti u li tant kienet ghazziena li kienet tilbes hwejjeg ta' taht tieghu biex ma tahsilx taghha.

Hu jikkontesta li ma kienx jaghtiha flus. Hu ddikjara li kien jaqla Euro70 fil-gimgha u minnhom kien jaghtiha Euro40, meta skopra li kienet qed tibghat flus lill-ohtha beda jaghtiha Euro10 fil-gimgha. Il-konvenut jghid li billi l-kontijiet kienu f'isimha u l-kera kien ukoll f'isimha kien jghadilha l-flus biex thallashom u skopra li dan ma kinitix qed taghmlu, l-kera kien ilu ma jithallas mit-2004 u kien hemm kont pendenti tad-dawl u l-ilma ta' ftit anqas minn Euro3,000. Sar arangjament biex dan jithallas bin-nifs pero' spicca bla dawl.

Skont il-konvenut, hu kien jaghmel il-parti tieghu, jistinka u jahdem, mentri hi rrovinatu billi dahhlietu fid-dejn u rrendiet l-konvivenza impossibbli, bl-ghazz u bin-nuqqas ta' ndafa fuq il-persuna taghha.

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2012 kienu dehru z-zewg partijiet assistiti mill-Avukati rispettivi taghhom ddikjaraw li kien hemm qbil bejniethom dwar is-segwenti:-

1. Il-kont pendenti tad-dawl u l-ilma relattiv ghall-fond 20, St Francis Street, Qorrmi, jithallas in kwantu ghal €633.00 mill-attrici u l-kumplament mill-konvenut. Fl-ammont ta' €633.00 hemm inkluz il-hlasijiet li ghamlet l-attrici ghall-perijodu mis-7 ta' Jannar 2011 sal-4 ta' Marzu 2011.

2. L-inkwilinat tal-fond 20, St Francis Street, Qormi jigi assenjat lill-konvenut.

3. Ma hemmx assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

4. Hemm qbil li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba l-komportament taz-zewg partijiet fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16

Il-pendenzi li baqa' bejn il-partijiet jirrigwardaw il-kontijiet tal-GO plc kif ukoll il-pretensjoni tal-attrici ghall-manteniment minghand il-konvenut.

Ikkunsidrat;

Dwar il-kont tal-GO plc, ammontanti ghal Euro1,017.97, referibbli ghall-perijodu mill-25 ta' Settembru 1998 u s-7 ta' Dicembru 2001, (Dok A anness mar-rikors tal-attrici pprezentat fl-14 ta' Dicembru 2015), jirrizulta illi dan il-kont thallas minn missier l-attrici (ara kopja tal-ircevuti ezebiti). Isegwi illi dan l-ammont jirraprezenta flus mislufa fl-interess taz-zewg partijiet. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, il-konvenut ma ghamilx riferenza ghal dan il-kont. Jirrizulta illi l-partijiet zzewgu fid-19 ta' Jannar 1998 u sseparaw de facto fis-sena 2011, u billi l-kont jirreferi ghaz-zmien meta kienu jikkoabitaw dan l-ammont ghandu jigi sopportat miz-zewg partjiet f'sehem indaqs. Ghaldaqstant il-Qorti qed tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hames mija u tmien ewro u tmienja u disghin centezmu (Euro508.98) u tiddikjara illi kwalunkwe dejn dovut ghal servizzi fid-dar matrimonjali ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut wahdu.

Ikkunsidrat;

Permezz tar-raba' talba rikonvenzjonali l-konvenut jitlob li ghandu japplika fis-shih kontra l-attrici l-effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi Artikolu jirreferi ghad-drittijiet successorji li l-parti l-hatja titlef fil-konfront tal-parti l-ohra, titlef ukoll dak li rceviet bhala donazzjoni qabel jew waqt iz-zwieg mill-parti l-ohra, id-dritt taghha fuq nofs il-komunjoni akkwisti principalment bil-hidma tal-parti l-ohra , u d-dritt ghall-manteniment. Skont l-Artikolu 51 tal-Kap 16 hi fid-diskrezzjoni tal-Qorti, li tiddeciedi skont ic-cirkostanzi jekk ghandhomx jigu applikati s-sanzjonijiet, in toto jew in parti, imsemija fl-Artikolu 48. Fil-fehma tal-Qorti una volta huwa ammess miz-zewg partijiet illi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg taghhom jahtu iz-zewg partijiet il-Qorti hi tal-fehma li s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap 16 ghandhom jigu applikati fil-konfront taz-zewg partijiet.

Il-konvenut fil-hames talba fil-kontro-talba tieghu, jitlob li l-attrici ghandha tigi kkundannata thallas nofs l-ispejjez li saru fid-dar matrimonjali. Ma irrizultax mill-provi li saru dawn l-ispejjez. Irrizulta biss li missierha kien hallas de propio biex jissewwa il-bieb ta' barra tad-dar li kien nfaqgha, u li l-ispejjez biex tittranga id-dar saru mid-Dipartiment tal-Housing. Din it-talba ghalhekk ma hiex fondata u qed tigi respinta.

Fis-sitt talba l-konveut jitlob li l-attrici tigi kkundannata thallsu manteniment billi hi kapaci tahdem. Fil-fehma tal-Qorti, tenut kont ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u l-fatt li l-htija ghat-tkissir taz-zwieg taqa' fuq iz-zewg partijiet, il-Qorti qed tuza d-diskrezzjoni moghtija bis-sahha tal-Artikolu 51 tal-Kap. 16 u qed tiddeciedi illi ghandhom japplikaw fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijet u l-effetti kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

Fis-seba' talba rikonvenzjonali l-konvenut qed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata tikkonsenjalu il-beni kollha parafernali tieghu, u li fin-nuqqas thallsu il-valur taghhom f'dik is-somma li tigi likwidata li tirrapprezenta il-valur tal-istess propjeta' parafernali. Din it-talba ma tirrizultax fondata billi ma saret l-ebda prova dwar l-ezistenza ta' xi oggetti li huma propjeta' parafernali tal-konvenut, wisq anqas li tali beni huma fil-pussess tal-attrici. Din it-talba ghalhekk qed tigi respinta.

Fit-tmien talba rikonvenzjonali l-konvenut jitlob li l-propjeta' kollha mhux biss id-dar matrimonjali tigi assenjata lilu biex tkun minnu okkupata b'askluzzjoni tal-attrici. Dwar id-dar matrimonjali l-partijiet qablu, kif rrizulta mill-verbal fuq imsemmi, li l-kirja tad-dar matrimonjali 20, St Francis Street, Qormi ghandha ddur fuq ir-ragel li jkun wahdu responabbli ghall-kontijiet relattivi.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-moitivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi,

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara r-rikors guramentat tal-attrici bhala irritu u null.

2. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba rikonvenzjonali, tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet, u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg taghhom jahtu z-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

3. Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali u ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

4. Tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali, tassenja l-inkwilinat tad-dar matrimonjali, 20, St. Francis Street, Qormi esklussivament lill-konvenut; tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' Euro508.98;

5. Tilqa' parzjalment ir-raba' talba rikonvenzjonali, u tapplika kontra z-zewg partijiet is-sanzjonijet u l-effetti kollha elenkati fl-Artikolu 48 tal-Kap 16;

6. Tichad il-hames is-sitt u s-seba' talba rikonvenzjonali;

7. Tilqa' parzjalment it-tmien talba rikonvenzjonali billi l-kirja tad-dar matrimonjali qed tigi assenjata lill-konvenut;

8. Tilqa' d-disa' talba rikonvenzjonali u tawtorizza ir-registrazzjoni tas-sentenza definittiva fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**